**Qorti tal-Magistrati (Malta)**

**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**

**[Spettur Dorianne Tabone]**

**vs**

**Nabil Yakoub Imbark Mohamed**

**Kumpilazzjoni Numru: 181/24**

**Illum, sitta (6) ta' Mejju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra Nabil Yakoub Imbark Mohamed detentur tal-karta tal-identità bin-numru 45178A akkuzat talli:

Bejn it-30 ta' Jannar 2024 u t-3 ta' Frar 2024, ġewwa dawn il-Gzejjer, xjentement gieghel, hajjar jew ta ghajnuna jew b'xi mod iehor ghen jew assista lil minuri Shazney Anne Cassar detentrici tal-karta ta' l-identita 374709L biex tahrab jew biex tkun jew tibqa' nieqsa

Artikolu 81(2) tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli f'Jannar 2024 u xhur u snin ta' qabel, ġewwa dawn il-Gzejjer, issoġġetta lil Shazney Anne Cassar minuri taht il-hmistax il sena, detentrici tal-karta ta' l-identita 374709L ghal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew ghemil, il-wiri jew ic-cirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi, u, jew xi materjal iehor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistghu raġonevolemnt jiġu kkunsidrati bhala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha.

Artikolu 251A(1)(e) Artikolu 251H(d) u Artikolu 208AC(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl-istess perjodu, lok, u ċirkostanzi, issoġġetta lil Shazney Anne Cassar minuri taht il-hmistax il sena, detentrici tal-karta ta' l-identita 374709L ghal xi att ta' intimità fiżika

Artikolu 251A(1)(c) Artikolu 251H(d) u Artikolu 208AC(2)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Semghet il-provi;

Rat l-Artikolu indikat 81(2) tal-Kapitolu 602 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ammetta l-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontrih u kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata z-zmien opportun sabiex ikun jista' jirregola ruhu;

Stante li l-imputat ammetta l-ewwel (1) akkuża fi stadju bikri u stante li l-fedina penali tal-imputat hija wahda netta, issib lill-imputat Nabil Yakoub Imbark Mohamed, hati tal-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma

jikkommettix reat iehor fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni (2) u t-tielet (3) akkuzi stante li dawn gew irtirati.

Finlament il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**